# Tgħarif dwar San Pawl il-Baħar

Sa ftit taż-żmien ilu, San Pawl il-Baħar, li hu bogħod mill-Belt 16.25Km, ma kienx għajr raħal bi xtajta sabieħa mfittex biss għall-btajjel tas-sajf. Fi żmien il-Kavallieri dan il-post kien jikkonsisti biss fi knisja żgħira (Tan-Nawfraġju) bi ftit djar tas-sajjieda quddiemha, it-torri ta' Wignacourt u ftit djar oħra u kerrejja bi tverna magħha fl-inħawi tal-Veċċa, u ż-żewġ fortini, tad-Dellija, li ma għadhiex teżisti, u dik tax-Xemxija, li għadha wieqfa.

Mal-miġja ta' l-Ingliżi bdiet il-bidla. Inbnew għadd ta' vilel fuq ir-riħ ta' Xatt il-Lanċa (Is-Sirens), oħrajn taħt ir-riħ tax-Xagħra tal-Bandieri. Dawn kienu kollha tan-nobbli ta' Malta li kienu jinżlu jqattgħu s-sajf hawnhekk. Ma' nofs is-seklu dsatax-il bini żdied u xtered lejn id-Dellija tant li nħasset il-ħtieġa li tinbena knisja ċkejkna dedikata lill-Madonna tal-Karmnu fl-inħawi tal-Maħruq, taħt ix-Xagħra li semmejna. Iżda matul ix-xtiewi għajr il-ftit sajjieda, kont tista' toqtol u tidfen, imma sal-bidu ta' dan is-seklu l-popolazzjoni bdiet tiżdied sewwa u għalhekk kien meħtieġ li tinbena knisja akbar u malli tlestiet u fil-jum stess li ġiet imbierka ġiet eretta parroċċa. Min dakinhar sat-tieni Gwerra dinjija l-bini baqa' jiżdied, imma l-biċċa l-kbira tad-djar baqgħu jintużaw biss matul is-sajf.

Il-lum, il-Qawra, Buġibba, San Pawl il-Baħar, id-Dellija, ix-Xemxija u il-Mistra fuq (ix-Xagħra ta' Għar Berbaħ) huma ħaġa waħda, ċentru ta' residenza b'dawra ta' 4,000 ruħ li joqogħdu s-sena kollha. Appartamenti, lukandi, resturanti, djar u vilel u ħwienet kullimkien. Biżżejjed ngħidu li bejn bil-Maltin u bejn bit-turisti matul is-sajf, il-popolazzjoni ta' San Pawl u l-idwar tiegħu titla' għal 70,000 ruħ. Il-Qawra u Buġibba, dak li għalihom il-Poeta Nazzjonali Dun Karm fil-poeżija tiegħu "Otia Aestiva" qal li jikkonsistu biss f'raba' fqir, illum kull xiber jiswa mija. Dawn żvillupaw fl-aħħar 25 sena, u sajf u xitwa mimlijin bit-turisti.

Imma l-port ta' San Pawl u dak tal-Qawra (is-Salina), li t-tnejn iħarsu lejn il-grigal, ilhom magħrufa u mgħammra sa minn meta wasal hawn il-Bniedem ta' Żmien il-Ħaġar dawra ta' 6,000 sena ilu. Dan jixhduh kemm it-tempju ta' Buġibba kif ukoll dak tal-Imdawra fl-inħawi tal-kappella ta' San Mikiel, magħruf ukoll bħala tal-Qraj jew tal-Qadi (il-lum mal-Paroċċa ta' Burmarrad). Huwa miet u ndifen 3,800 sena Q.K. fl-inħawi tal-Mistra Village, fl-inħawi tat-Tempju tax-Xagħra l-Bajda. Matul iż-żewġ perjodi ta' Żmien il-Bronż, San Pawl u l-idwar tiegħu kien ċentru ta' ħidma, tant li kalanki jew raddi (*cart tracks*) jinstabu f'diversi nħawi ta' San Pawl il-Baħar.

Darba li ġew hawn il-Feniċi f'imħabba l-għadd ta' nixxigħat bħalma huma dawk tal-Mistra, ta' Għajn Rasul, tas-Safsafa tal-Maħruq u dik li kien hemm f'Xatt il-Lanċa bdew jankraw hawn biex jgħabbu l-ilma waqt li kienu jixtru u jbiegħu. Meta mabgħad huma bnew ir-Rabbat (il-belt tagħhom u dawruwha bis-swar), fejn huma l-lum ir-Rabat u l-Imdina, billi l-Qawra u id-daħla tal-Ġorf (San Pawl il-Baħar) kienu l-eqreb portijiet lejn din il-Belt, kien imfittex kemm minnhom, kif ukoll mill-ħakkiema kollha li ġew wara sakemm inbniet il-Belt Valletta.



Il-Gżejjer ta' San Pawl

Is-sehem ta' San Pawl il-Baħar u l-idwar spikka l-aktar fis-sena 870 W.K. meta ġew l-Għarab li niżlu hawn. Kien f'San Pawl li seħħ l-inżul tal-1427. San Pawl kellu wkoll sehem kbir l-Assedju l-Kbir. Hawn niżżlu xi nies tagħhom il-Franċiżi fl-1798. San Pawl serva ta' Port il-Kbir matul is-sentejn ta' l-Imblokk kontra il-Franċiżi. San Pawl il-Baħar taha wkoll is-sehem tiegħu f'Ġunju 1943 fl-invażjoni ta' Sqallija u hawn ankrat parti mill-flotta Taljana meta l-Italja ċediet fit-8 ta' Settembru 1943. Il-bajja jew qala ta' San Pawl tibda b'wisgħa kważi ta' mil u tibqa' dieħla fuq żewġ mili tul. Tibda bil-fond ta' 25 qama, u bejn il-ponta tal-gżejra ta' Barbamarku (il-gżejjer ta' San Pawl) u Ras il-Qawra ssib ramel u ħama - fin-nofs hemm baxx fond ta' sebat iqjiem blat u alka terġa' tidħol bir-ramel taħt sitt iqjiem ilma, u tkompli sa ma tispiċċa f'ħama u ramel fix-xatt tal-Pwales, jiġifieri ta' Pawlu. F'nofs l-bajja, bejn il-Gżejjer (fil-fatt gżira waħda) u Ras il-Qawra, hemm skoll li mis-sajjieda tal-post huwa magħruf bħala l-Iskoll ta' San Pawl. Dan qiegħed taħt 20 qama ilma sewwasew il-qies li jagħtina San Luqa meta skandaljaw il-baħar il-baħrin tax-xini Alessandrina li fuqu kienu nkaljaw San Pawl u sħabu f'Novembru tas-sena 60 W.K. F'din il-bajja nsibu wkoll post imsejjaħ Le Scaline b'ramla żgħira imma sabiħa. Min-nies tal-post kienet magħrufa bħala "Strada Scaline" (il-lum Triq it-Taraġ). Sa 50 sena ilu dan it-taraġ kellu il-Plieri biex ħadd ma jinżel u fejn jintemm kien hemm żewġ banjijiet imħaffra fil-blat illum mirduma, u minn hawn wieħed seta' jgħum lejn ir-Ramla li semmejna bl-Għar tal-Veċċa fejn wieħed seta' jistkenn mix-xemx. Hemm ukoll La Scaletta wara s-Santwarju tal-Ħuġġieġa.

L-istrett jew kanal li jifred irdum il-Bies mill-gżira hekk imsejħa ta' San Pawl huwa biss ta' 200 jarda u xi erbat iqjiem fond u f'xi nħawi anqas minn xibrejn. Hawn ta' min isemmi li hemm mgħarrqa frejgata li kienu għarrquha l-Ingliżi stess sabiex is-sottomarini tal-għadu ma kinux jistgħu jgħaddu. Hawn ta' min iżid għaliex sejjaħna l-Gżejjer ta' San Pawl il-Gżira ta' Barba Marku. Qabel l-Assedju l-Kbir kellna Kaptan Malti li kien jismu Marku (u dan huwa fatt storiku) li waqt li kien qed joqrob lejn San Pawl il-Baħar, ħarġet għalih mill-Għadira xini tal-Ħallelin tal-Baħar. Marku, li kien jaf il-fondal ta' li strett għadda bix-xini tiegħu. Il-Furbani li ma kinux jafu kemm huwa fond, ġibdu għal warajh...imma x-xini tagħhom inkaljat. Il-Gran Mastru bħala rigal taha lil dan Marku l-gżejra, li qabel kienet magħrufa bħala **Selmunett** imbagħad il-Gżira tal-Barba Marku mis-seklu sbatax bdiet tissejjaħ **Il-Gżejjer**.

F'nofs id-daħla ta' San Pawl, daqqa ta' 400 jarda 'l hinn mill-ponta tal-Gżejjer, jibda b'bank tar-ramel, b'medda ta' 400 jarda u sebat iqjiem fond. F'San Pawl il-Baħar insibu wkoll id-daħla tal-Mistra kennija minn kull riħ barra mix-Xlokk billi tinsab tħares lejh...u li kieku ma hijiex daqshekk baxxa anke bastimenti kbar jistgħu jorbtu hemm.

## FORTIFIKAZZJONIJIET

Minn żmien għall-ieħor il-Bajja ta' San Pawl ġiet fortifikata skond il-mezzi possibbli sabiex ma jħallux 'l-egħdewwa jaqbdu l-art. Fuq ir-riħ tax-Xagħra tal-Bandieri, taħt l-għolja tal-Wardija, għadhom jeżistu ġebel li juru li kien hemm xi sura ta' fortifikazzjoni biex ma jħallux 'il-għadu jitla' għall-għajn tas-Safsafa. Taż-Żmien tard tal-Medju-Evu, kontra l-inżul tal-pirati, għadu jeżisti Ir-Razzett tat-Tabibuwa, fi Triq it-Tonn.

Fi żmien l-Ordni, il-Kavallieri saħħew San Pawl il-Baħar b'fortizzi, trunċieri, batteriji, ridotti u anke torrijiet. Huma bnew trunċiera li tibda mis-Salini sa Buleben, b'għadd ta' fossati u revellini li wara ġew abbandunati, u li llum minħabba bl'iżvilupp li sar kważi ma jidher xejn. Dik it-triq, li max-xellug tal-knisja ta' San Pawl twassal għall-bidu ta' Buġibba sa ftit snin ilu kienet magħrufa bħala is-**Sur**. Illum mis-sur ma jidher xejn.

Wieħed mill-Gran Mastri li ħaseb sabiex in-nies ta' dawn l-inħawi jkunu mħarsa kif jixraq kien Alofio de Wignacourt.

**It-Torri ta' San Pawl** - Huwa msejjaħ hekk għaliex jinsab f'din il-bajja, kif ukoll għaliex l-ewwel ġebla tiegħu qegħdha hu stess fil-jum tan-Nawfraġju, 10 ta' Frar, 1610. Kien mgħammar b'żewġ kanuni, li jbarru d-dħul tax-xwieni tal-għadu 'l ġewwa minn tal-**Għażżenin**.

Dan kien il-mudell biex fuqu nbnew torrijiet oħrajn fis-seklu 17 u kellu għamla kwadra bil-bażi ta' qawwa kbira. Il-bieb kont issibu fit-tieni sular u kellu sellum taraġ quddiem u pont jintrefa' li kollha tneħħew fl-1957.

Dan it-torri ntuża fit-tieni gwerra dinjija. Minħabba l-ħsarat li kellu, is-Soċjetà Din l-Art Ħelwa ndaħlet biex issewwih. Fil-bidu ssemmiet is-somma ta' £2,200 iżda din telgħet għal £1,000 oħra. Fl-10 ta' Frar 1966, ix-xogħol kien lest u nfetaħ uffiċjalment miċ-Chairman tas-Soċjetà, l-Imħallef Dr Maurice Caurana Currana u l-Ministru ta' l-Artijiet. Dr Patrick Holland.

**Żewġ Batteriji** - F'xatt il-Pwales, fl-1619, inbnew żewġ batteriji, faċċata ta' xulxin. Waħda kienet in-naħa tad-Dellija llum imġarrfa, u oħra n-naħa l-oħra tax-Xemxija li għadha wieqfa.

**It-Torri tal-Qawra** - Dan it-Torri, flimkien mal-batterija ta' madwarha, inbnew fl-1620. It-torri kien mgħammar b'żewġ kanuni u l-batterija kellha tmienja.

**Il-Batterija tal-Vendomu** - Hija msejħa hekk għaliex kienet ġiet ipproġettata mill-Gran Prijur ta' Franza, Philippe de Vendome, li kien l-aktar wieħed li nsista ma' l-Ordni biex jiġu difiżi x-xtajtiet. Imma din inbniet iżjed tard, fl-1656, fi żmien il-Gran Mastru de Redin. Kellha erba' kanuni.

**Il-Batterija tal-Mistra** - Din il-batterija oriġinarjament kien bniha il-Gran Mastru De Redin fl-1658 u għammarha b'sitt kanuni, iżda l-Gran Mastru Pinto, li tiegħu hemm l-arma, żied saħħaħha. Din hija waħda mill-isbaħ batteriji f'dawn l-inħawi. Mad-dawra tal-batterija, imħaffer fil-blat, naraw fossat baxx li kien maħsub li jagħti aktar kenn lill-bumbardiera. Iż-żidied ta' żmien Pinto aktarx saru fuq parir tal-perit Bourlamaque u x'aktarx wara l-1761.

**Ir-Ridott ta' Buleben** - Pinto ħaseb ukoll li jħares 'l-inħawi ta' Buġibba u fl-1770 bena r-ridott ta' Buleben u għammru bi 8 kanuni.

**Il-Plier tad-Dellija** - L-armi u l-kitba li hemm fuq il-Plier tad-Dellija huma biss kopji. L-oriġinali ttieħdu l-Mużew fl-1936 meta ġġarrfet it-trunċiera. L-armi kienu tal-Gran Mastru Ramon Perellos u tal-Pirjol ta' Franza, il-Prinċep F. Philipp de Vendosme (Vendome).

**Il-Batterija ta' San Pawl** - Fi żmien l-Ingliżi, fl-1884, tlestiet batterija li ġiet mgħammra bi 3 kanuni. Kienet swiet £6,000.



It-Torri mibni mill-Gran Mastru Wignacourt

## POPOLAZZJONI

Sa minn qabel l-1436 San Pawl il-Baħar kien jagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar, iżjed tard matriċi. Kien biss fl-1905 li San Pawl il-Baħar ġie erett parroċċa u mifrud min-Naxxar.

Jiġifieri l-istatistika li jrid ikollna aħna għandha tkun lejn dik id-data li saret parroċċa. Fl-1901 kellu 185 ruħ. Fl-1911 inbdilu xi limiti għaliex l-istatistika għoliet għal 1,032 ruħ. Fl-1921 l-għadd tela' għal 1,685 ruħ. Fl-1961 insibu 3,323 ruħ, fl-1985 kellu 4,465 ruħ u fl-1990 insibu 4,000 ruħ u aktarx wieħed ma jridx jinsa li twaqqfet il-parroċċa tal-Manikata.



Panoramiċi tal-Wardija

## Il-Kumitat Banda San Pawl Jirringrazzja lil dawn is-Sinjuri

- Antoinette Bugeja għal ġbir ta' reklami.
- Josephine Vella għal kull għajnuna li tat.
- Il-Kumitat tan-Nisa tal-Banda San Pawl.
- Charles Bartolo, Gaetano Cardona u lill-Propjetarji tal-Gillieru Restaurant għad-donazzjoni li huma offrew.
- Lis-Sur Harry Peresso u lis-staff kollu ta' Peresso Printing Press, Valletta.
- Lil dawk kollha li għoġobhom jirreklamaw fil-programm.
- Lill-benefatturi kollha, u lil kull min kien ta' għajnuna biex il-Festa tkun success